# HAMSIN SENA ILU



Fid-9 ta' Jannar tas-sena 1921 kien sar festin fiż-Żurrieq meta kienu ġew imżanżna sett standardi u bandalora tar-Reġina Vittorja għall-banda tagħna. Dawn kienu ġew regalati mill-ammiraturi tal-banda kif sejrin insemmu. Standard Malti mill-Ispiżjar Ramiro Cassar li dak iż-żmien kellu spiżerija fiż-Żurieq u dan kien ħabib u ammiratur ta' din il-Banda. Standard tal-Papa mis-Sur Pawlu Zammit, dak Franċiż mis-Sur Carmelo Cachia, Amerikan mis-Sur Rosario Farrugia, Ingliż mis-Sur Filippu Farrugia, standard abjad bin-Nome di Maria mis-Sur Arnetto Dalli, dak tas-Soċjeta' Karmelitana mis-Sur Rokku Caruana, u l-Bandalora mill-President ta' dak iż-żmien il-Markiż Zimmermann Barbaro di San Giorgio fejn insibu wkoll l-arma ta' kunjom il-familja tiegħu fl-istess bandalora.

Dawn kienu ġew imbierka fuq it-taraġ ta' Palazzo Armeria, ir-residenza tal-President, minn Patri Albert Zammit, Karmelitan, u wara riċeviment li sar fl-istess Palazz, il-Banda Queen Victoria għamlet marċ mat-toroq prinċipali taż-Żurrieq kif għadu jixhed ritratt ta' din l-okkażjoni fil-kaiżn.

F'dik il-lejla wkoll kien indaqq għall-ewwel darba Innu Marċ, kompożizzjoni tas-Surmast Adeodato Gatt, Direttur tal-Banda ta' dak iż-żmien, iddedikat lill-Familja Zimmermann Marbaro li sa minn qabel is-sena 1880 membri ta' din il-Familja fiż-Żurieq kienu benefatturi u ta' għajnuna kbira għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu u tal-Banda "Queen Victoria".

Ħamsin sena wara, għalkemm dawk li semmejna lkoll mejtin, baqa' ħajja t-tifkira tagħhom li ħallew lill-Banda tagħna permezz ta' dawn l-istandardi fis-swali tal-Kaiżn.



Ritratt tal-Faċċata tal-Każin fil-Milied — 1980.

Għat-tieni sena konsekuttiva Triq il-Kbira u l-faċċata tal-Każin tagħna ġew mogħtija l-ewwel premju mill-Kumitat Festi Nazzjonali għall-aħjar triq u l-aħjar faċċata mżejna fil-ġranet tal-Milied fis-sena 1980.

Ta' dan il-Kumitat tas-Soċjeta' Kermelitana, għan-nom tal-membri u l-ammiraturi tagħha jifraħ, irodd ħajr u jawgura lil dan il-grupp ħabrieki ta' nies voluntieri fi ħdan din l-istess Soċjeta' li bix-xogħol tagħhom b'tant sagrifiċċji qegħdin mhux biss jgħollu isem l-Għaqda Karmelitana u Banda "Queen Victoria", iżda wkoll lir-raħal twelidna ż-Żurrieq.